MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 212/2007

**Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**Anthony Debono bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Paradise Pools Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-ittra ufficjali tal-Kontrollur tad-Dwana datata s-7 ta' Frar tas-sena 2007, indirizzata lil Anthony Debono nomine li wara d-dikjarazzjoni guramentata tieghu ai termini ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12, interpella lill-imsemmi intimat sabiex ihallas lill-mittent is-somma ta' elf, seba' mija u hamsin Lira Maltin (LM1,750.00,0), dovuti skont "*post entry*" tal-intimat datata l-24 t'Awissu tas-sena 2006, li rrizultat skorretta;

Illi l-ammont rikjamat mill-mittent rikorrent hu diviz in kwantu ghall-elf erba' mija u tlieta u tmenin Lira Maltin, (LM1,483.00,0), "*anti-dumping duty*" u mitejn u sebgha u sittin Lira Maltin, (LM267.00,0), bhala Taxxa ghall-Valur Mizjud, (VAT), fuq l-istess ammont indikat aktar qabel f'dan il-paragrafu;

Rat ir-rikors ta' l-intimat Debono nomine datat l-20 ta' Frar tas-sena 2007, li permezz tieghu sintetikament wiegeb li l-att gudizzjarju de quo indirizzat fil-konfront tieghu;

1. Hu manifestament infondat fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi in oltre intavola procedura ai termini ta' l-artikolu 466(2) tal-Kap 12 fil-konfront tal-mittent, ir-rikorrent odjern;

3. Illi finalment, tigi akkolta:

i. l-opposizzjoni tieghu ghall-ittra ufficjali in dizamina;

ii. it-talba tieghu kontenuta fl-istess rikors responsiva ghall-istess ittra ufficjali fuq indikata;

iii. illi tiddikjara t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana bhala nfondata;

iv. salv kull provvediment li din il-qorti joghgobha timponi;

Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Lulju tas-sena 2007, li permezz tieghu ordnat ir-revoka tad-digriet taghha precedenti datat is-6 ta' Novembru tas-sena 2007 u ordnat is-smiegh tar-rikors;

Rat id-decizjoni taghha tas-6 ta' Novembru tas-sena 2007;

Rat id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell datata s-6 ta' Gunju tas-sena 2008, li permezz taghha annullat il-provvediment appellat u rrimettiet lura l-atti ghad-decizjoni mill-gdid wara li tinghata l-opportunita` lill-partijiet li jressqu l-provi u jaghmlu s-sottomissjonijiet rispettivi taghhom;

Moghtija din l-opportunita`;

Semghet il-provi prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-Kontrollur tad-Dwana;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fuq talba specifika tal-"*customs international services*" id-Dwana ta' Malta giet mitluba tikkjarifika importazzjonijiet li kienu gew importati taht in-numru HS2933698090 li jirreferu ghall-kimika bl-isem ta' "Trichloroisocyanuric acid", (ara fol 43);

2. Illi mill-analizi li sussegwentement kien gie kondott irrizulta li importazzjoni wahda minn dawk relattivi ghal din it-tfittxija kelha n-numru tat-tariffa pertinenti ghaliha ndikat hazin;

3. Illi dan irrizulta wkoll anke wara ezami tal-fatturi ma' l-Analista Anzjan tad-Dwana, (ara fol 44);

4. Illi konsegwentement id-Dwana kellha taghmel "*post entry*" u talbet lill-importatur jirregolarizza ruhu billi jhallas l-ammont ta' taxxa li issa rrizulta
li kien verament dovut ghall-importazzjoni tal-materjal de quo;

5. Illi rrizulta ghalhekk li l-ammont ta' dazju u Taxxa ghall-Valur Mizjud gia` mhallas mill-importatur nomine ma kienx dak korrispondenti ma' dak li issa rrizulta li kien attwalment dovut;

6. Illi l-ammont issa mitlub mill-Kontrollur tad-Dwana hu dak attwalment dovut mill-intimat Debono nomine skont it-tariffi appoziti;

7. Illi l-verifika li saret mill-Kontrollur tad-Dwana tirrizulta li saret fit-terminu kif preskritt mil-ligi, senjatament dak ta' tlett (3) snin, stante li l-importazzjoni in dizamina saret fl-2005 u l-verifika sehhet fl-2006;

8. Illi in effetti jirrizulta li l-klassifika li biha l-intimat kien indika l-materja importata kien indikaha taht l-intestatura 29336980**9**0 mentri mill-verifika sussegwenti li saret irrizulta li l-kimika importata kienet wahda specifika u kienet minflok indikata taht l-intestatura 29336980**7**0;

9. Illi jirrizulta li n-numru 2933 hu wiehed generiku u hu sub-diviz f'sub-intestazzjonijiet ohra – fosthom f'dawk indikati fil-paragrafu ta' qabel: - dak li jispicca bid-90 jindika l-kimika kollha, mentri dak li jispicca bis-70 jeskludi kimika gia` indikata bin-numru 90;

10. Illi dan jirrizulta assodat mid-dokumentazzjoni ipprezentata, (ara fol 49 et seq);

Ikkunsidrat;

Illi tirrilleva li ghalkemm l-intimat nomine Debono kien debitament notifikat u r-rapprezentant legali tieghu kif ukoll prezenti ghal xi udjenzi, l-intimat nominee xorta ghazel li ma jattendix u li ma jippartecipax f'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li effettivament kien hemm indikazzjoni erronea tal-kimika importata li telghet fil-wicc biss wara verifika appozita debitament inizjata kif fuq indikat;

Illi l-korrezzjoni sussegwenti jirrizulta li saret fi zmien utili fil-ligi u l-ebda terminu statutorju ma jirrizulta li kien miksur;

Illi di piu`, mid-dokumentazzjoni prodotta jirrizulta li t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana hi wahda legittima;

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-opposizzjoni tal-mittent intimat, takkolji t-talba originali tal-Kontrollur tad-Dwana rikorrent u:

1. Tikkundanna lil Anthony Debono bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Paradise Pools Limited biex ihallas lill-Kontrollur tad-Dwana l-ammont komplessiv ta' elf seba' mija u hamsin Lira Maltin (LM1,750.00,0), ekwivalenti ghal erbat elef u sitta u sebghin Ewro u erbghin centezmu (€4,076.40), kif maqsum fl-ittra ufficjali originali tieghu datata s-7 ta' Frar tas-sena 2007;

2. Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet dovuti mis-7 ta' Frar tas-sena 2007 kontra l-istess intimat Anthony Debono nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------